# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 25 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 635/2023 JPG**
**Kawza nru.: 18**

**GM**
**U**
**CL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' GM u CL datat 30 ta' Novembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewġu nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) – ċertifikat taż-żwieġ anness u markat* ***Dok 'A'****.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ l-kontendenti ma kellhomx tfal.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat it-tletin ta' Ottubru elfejn tlieta u għoxrin (30/10/2023) in atti tan-Nutar Dottor Francesca Cachia Zammit – kopja annessa u mmarkata* ***Dok 'B'****.*

4. *Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal iktar minn sitt (6)*

*xhur.*

5. *Inoltre, qed jiġi kkonfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

6. *Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti GM u CL jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara ż-żwieġ tagħhom bħala maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi żmien hekk akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;*

   *u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CL xehdet (vide affidavit fol 5)** illi l-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Awwisu 2016 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostnet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Cachia Zammit datat nhar 30 ta' Ottubru 2023 izda ddikjarat

illi ilhom jghixu separatament ghal iktar minn sitt xhur. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**GM xehed (vide affidavit fol 6)** u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Awwissu 2016 liema zwieg jgib certifikat numru *55 P.1 anno 2016* (Vide certifikat taz-zwieg, fol 7). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit datat 30 ta' Ottubru 2023 (Vide fol 9 et seqq.). Di piu' ddikjaraw illi ilhom jghixu separatament ghal aktar minn sitt xhur. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru *55 P.1 anno 2016* u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi nnotat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**